MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2013

Talba Numru. 452/2012

**GO p.l.c. C22334**

**vs.**

**A.B.R. Company Limited C31275**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu is-soċjeta′ attriċi talbet il-ħlas mingħand is-soċjeta` konvenuta tas-somma ta' tliet mija u tlieta u għoxrin Ewro u tmintax-il ċenteżmu (€323.18), in konnessjoni ma' servizzi ta' komunikazzjoni bl-akkont numru *A/C40073333* reżi mis-soċjeta′ attriċi lis-soċjeta` konvenuta;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm is-soċjeta` konvenuta u r-rappreżentant tagħha ġew debitament notifikati kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, is-soċjeta`

konvenuta ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li s-soċjeta` konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta’ tliet mija u tlieta u għoxrin Ewro u tmintax-il ċenteżmu (€323.18), bl-imgħax legali dekorribbli mit-3 ta’ Lulju 2012, li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż huma a kariku tas-soċjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------